MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 461/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Al Faitury Nabhan**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi illi kien gie pprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2006 in forza ta’ liema ntalab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attirici s-somma ta’ elf mija u wiehed u sebghin liri Maltin u tmien centezmi (Lm1171.08) rapprezentanti ammont li ghadu dovut minnu in konnessjoni ma’ servizz ta’ zewg kontijiet tat-telefon bin-numri 21370810 u 21372810 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok A u Dok B.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda tal-PL Noel Scerri li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont  mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Al Faitury Nabhan ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ elf mija u wiehed u sebghin liri Maltin u tmien centezmi (Lm1171.08) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------